2025/2416

1.12.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2416

tas-27 ta' Ottubru 2025

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar lista ta' kategoriji, tipi u gradi ta' serjetà ta' ksur serju li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 ([1]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(2) L-Artikolu 6, it-Taqsima 1, il-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi kundizzjonijiet dettaljati marbuta mar-rekwiżit ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. B'mod partikolari, il-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom il-ksur elenkat fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu li jiġġarrab minn operatur jista' jwassal għal proċedura amministrattiva mill-awtoritajiet kompetenti fil-Parti tal-istabbiliment, u jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba. L-Appendiċi 31-A-1-1 tal-Anness 31 jistabbilixxi wkoll lista tal-aktar seba' każijiet ta' ksur serji. Fejn operatur ikun ġarrab penali għal wieħed minn dawn il-każijiet ta' ksur,l-awtorità kompetenti fil-Parti tal-istabbiliment għandha twettaq u tlesti proċedura amministrattiva.

(3) Skont l-Artikolu 6(3), it-Taqsima 1, il-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit bl-Artikolu 8(1), il-punt (o), ta' dak il-Ftehim (il-"Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq"), għandu s-setgħa jadotta deċiżjoni dwar lista tal-kategoriji, tat-tipi u tal-gradi ta' serjetà ta' ksur serju li, flimkien ma' dak stabbilit fl-Appendiċi 31-A-1-1, jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba.

(4) Lista komuni ta' ksur tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jew tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali relatata mal-kwistjonijiet elenkati fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1) it-Taqsima 1, il- Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni tista' ttejjeb l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Għalhekk, skont l-Artikolu 6(3), it-Taqsima 1, il-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kumitat Speċjali għat-Trasport bit-Triq jenħtieġ li jadotta deċiżjoni ridward tali lista..

(5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, billi l-att previst se jkun vinkolanti għall-Unjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/689/oj).

(6) Jaf ikun meħtieġ li l-oqfsa legali nazzjonali jiġu adattati biex jipprevedu l-introduzzjoni tal-ksur serju addizzjonali li jinsab fl-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq mehmuż ma' din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, sabiex iż-żewġ Partijiet jitħallew jaqblu u jistabbilixxu l-modalitajiet tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-ksur serju mwettaq fil-Parti li ma tkunx il-Parti tal-istabbiliment f'konformità mal-Artikolu 14(5), it- Taqsima 1, il-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jixraq li tiġi stabbilita data tal-applikazzjoni tal-att previst. Għalhekk, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Diċembru 2025.

(7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak il-Kumitat meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan l-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, stabbilit mill-Artikolu 8(1), il-punt (o), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (il-"Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq"),fuq lista tal-kategoriji, tat-tipi u tal-gradi ta' serjetà ta' ksur serju li,, jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, hija stabbilita fl-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data.tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

J. JENSEN

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU …/2025 TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ STABBILIT BIL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA

ta' …

dwar lista tal-kategoriji, it-tipi u l-gradi ta' serjetà ta' ksur serju li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [1] ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu 468(5) u l-Artikolu 6(3) tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 463(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq li jwettqu l-vjaġġi msemmija fl-Artikolu 462 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jrid ikollhom liċenzja valida f'konformità mal-Artikolu 463(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Il-punt (b) tal-Artikolu 3 tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi li operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq irid ikun ta' reputazzjoni tajba, f'konformità mal-Artikolu 6 tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(2) L-Artikolu 6 tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi kundizzjonijiet dettaljati relatati mar-rekwiżit ta' reputazzjoni tajba għal operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. B'mod partikolari, il-paragrafi 2 u 3 tiegħu jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom il-ksur elenkat fil-punt (b) tal-paragrafu 1 imġarrab minn operatur jista' jwassal għal proċedura amministrattiva mill-awtoritajiet kompetenti fil-Parti tal-istabbiliment, u jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba. L-Appendiċi 31-A-1-1 tal-Anness 31 jistabbilixxi wkoll lista tal-aktar seba' każijiet ta' ksur serji li jridu jiskattaw proċedura amministrattiva mill-awtorità kompetenti fil-Parti tal-istabbiliment.

(3) Lista komuni ta' ksur tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jew tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali relatati mal-kwistjonijiet elenkati fil-punt (b) tal-Artikolu 6(1) tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni tista' ttejjeb l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Għalhekk, lista tal-kategoriji, tat-tipi u tal-gradi ta' serjetà ta' ksur serju li jista', flimkien ma' dak stabbilit fl-Appendiċi 31-A-1-1 tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, iwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba, jenħtieġ li tiġi adottata bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għat-Trasport bit-Triq, skont l-Artikolu 6(3) tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(4) Jaf ikun meħtieġ li l-oqfsa legali nazzjonali jiġu adattati biex jipprevedu l-introduzzjoni tal-ksur serju addizzjonali li jinsab f'din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, sabiex iż-żewġ Partijiet ikunu jistgħu jaqblu u jistabbilixxu l-modalitajiet tal-iskambju tal-informazzjoni relatata ma' ksur serju mwettaq fil-Parti li mhijiex il-Parti tal-istabbiliment f'konformità mal-Artikolu 14(5) tat-Taqsima 1 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jixraq li tiġi stabbilita data ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Diċembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[1] ĠU UE L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

Artikolu 1

Kategoriji, tipi u gradi ta' serjetà tal-ksur

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-lista tal-kategoriji, tat-tipi u tal-gradi ta' serjetà ta' ksur serju tar-regoli tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fit-trasport tal-oġġetti bit-triq li, kif stabbilit fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni, flimkien ma' dak stabbilit fl-Appendiċi 31-A-1-1 tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Diċembru 2025.

Magħmul fi …, …

Għall-Kumitat Speċjalizzat għat- Trasport bit-Triq

Il-Kopresidenti

ANNESS I

It-tabelli li ġejjin fihom il-kategoriji u t-tipi ta' ksur serju tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, maqsum fi tliet kategoriji ta' serjetà skont il-potenzjal tiegħu li joħloq riskju ta' fatalitajiet jew ta' korrimenti gravi u/jew li jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tat-trasport bit-triq: l-aktar ksur serju (MSI, most serious infringement), ksur serju ħafna (VSI, very serious infringement) u ksur serju (SI, serious infringement).

(1) Gruppi ta' ksur tat-Taqsima 2 tal-Parti B tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR		LIVELL TA' SERJETÀ		
				MSI	VSI	SI
		Perjodi tas-sewqan				
1.	L-Artikolu 4(1) u l-Appendiċi 31-A-1-1	Jinqabeż il-ħin tas-sewqan ta' 9 siegħat kuljum jekk ma jkunx possibbli li jiġi estiż għal 10 siegħat	10 siegħat ≤ … < 11-il siegħa			X
2.			11-il siegħa ≤ …		X	
3.		Jinqabeż il-ħin tas-sewqan ta' 9 siegħat kuljum b'50 % jew aktar	13-il siegħa u nofs ≤ …	X		
4.		Jinqabeż il-ħin estiż tas-sewqan ta' 10 siegħat kuljum jekk l-estensjoni tkun permessa	11-il siegħa ≤ … < 12-il siegħa			X
5.			12-il siegħa ≤ …		X	
6.		Jinqabeż il-ħin tas-sewqan ta' 10 siegħat kuljum b'50 % jew aktar	15-il siegħa ≤ …	X		
7.	L-Artikolu 4(2) u l-Appendiċi 31-A-1-1	Jinqabeż il-ħin tas-sewqan tal-ġimgħa	60 siegħa ≤ … < 65 siegħa			X
8.			65 siegħa ≤ … < 70 siegħa		X	
9.		Jinqabeż il-ħin tas-sewqan tal-ġimgħa b'25 % jew aktar	70 siegħa ≤ …	X		
10.	L-Artikolu 4(3) u l-Appendiċi 31-A-1-1	Jinqabeż il-ħin tas-sewqan massimu totali f'ġimagħtejn konsekuttivi	100 siegħa ≤ … < 105 siegħat			X
11.			105 siegħat ≤ … < 112-il siegħa u nofs		X	
12.		Jinqabeż il-ħin tas-sewqan massimu totali f'ġimagħtejn konsekuttivi b'25 % jew aktar	112-il siegħa u nofs ≤ …	X		
		Brejks				
13.	Artikolu 5	Jinqabeż il-ħin tas-sewqan mhux interrott ta' 4,5 siegħat qabel il-brejk	5 siegħat ≤ … < 6 siegħat			X
14.			6 siegħat ≤ …		X	

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR		LIVELL TA' SERJETÀ		
				MSI	VSI	SI
		Perjodi ta' mistrieħ				
15.	L-Artikolu 6(2)	Perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum insuffiċjenti ta' inqas minn 11-il siegħa jekk mhux permess perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum imnaqqas	8 sigħat u nofs ≤ … < 10 sigħat			X
16.			… < 8 sigħat u nofs		X	
17.		Perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum imnaqqas insuffiċjenti ta' inqas minn 9 sigħat jekk it-tnaqqis huwa permess	7 sigħat ≤ … < 8 sigħat			X
18.			… < 7 sigħat		X	
19.		Perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum maqsum insuffiċjenti ta' inqas minn 3 sigħat + 9 sigħat	3 sigħat + [7 sigħat ≤ … < 8 sigħat]			X
20.			3 sigħat + [… < 7 sigħat]		X	
21.	L-Artikolu 6(5)	Perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum insuffiċjenti ta' inqas minn 9 sigħat għal vettura b'aktar minn sewwieq wieħed	7 sigħat ≤ … < 8 sigħat			X
22.			… < 7 sigħat		X	
23.	L-Artikolu 6(6)	Perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa mnaqqas insuffiċjenti ta' inqas minn 24 siegħa	20 siegħa ≤ … < 22 siegħa			X
24.			… < 20 siegħa		X	
25.		Perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa insuffiċjenti ta' inqas minn 45 siegħa jekk ma jkunx permess perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa mnaqqas	36 siegħa ≤ … < 42 siegħa			X
26.			… < 36 siegħa		X	
27.		Aktar minn sitt perjodi konsekuttivi ta' 24 siegħa wara l-perjodu preċedenti ta' mistrieħ fil-ġimgħa	3 sigħat ≤ … < 12-il siegħa			X
28.			12-il siegħa ≤ …		X	
29.	L-Artikolu 6(7)	L-ebda mistrieħ ta' kumpens għal żewġ perjodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa mnaqqsa konsekuttivi			X	
30.	L-Artikolu 6(9)	Perjodu regolari ta' mistrieħ fil-ġimgħa jew kwalunkwe perjodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa ta' aktar minn 45 siegħa meħud f'vettura			X	
31.		L-impjegatur ma jkoprix il-kostijiet tal-akkomodazzjoni barra mill-vettura				X
		Organizzazzjoni tax-xogħol				
32.	L-Artikolu 6(10)	Impriża tat-trasport li ma tkunx qed torganizza x-xogħol tas-sewwieqa b'tali mod li s-sewwieqa jkunu jistgħu jirritornaw lejn iċ-ċentru operazzjonali tal-impjegatur, jew jirritornaw lejn il-post tar-residenza tas-sewwieqa			X	
33.	L-Artikolu 7(1)	Rabta bejn il-paga/ħlas u d-distanza vvjaġġata, il-veloċità tat-twassil u/jew l-ammont ta' oġġetti trasportati			X	
34.	L-Artikolu 7(2)	L-ebda organizzazzjoni jew organizzazzjoni mhux xierqa tax-xogħol tas-sewwieq, l-ebda struzzjoni jew struzzjonijiet mhux xierqa mogħtija lis-sewwieq biex ikun jista' jikkonforma mal-liġi			X	

(2) Gruppi ta' ksur tat-Taqsima 4 tal-Parti B u tat-Taqsima 2 tal-Parti C tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
		Installazzjoni ta' takografu			
1.	L-Artikoli 3 u 5 tat-Taqsima 2 tal-Parti C u l-Appendiċi 31-A-1-1	L-ebda takografu tat-tip approvat installat u użat	X		
		Użu tat-takografu, tal-kard tas-sewwieq jew tal-folja ta' reġistrazzjoni			
2.	L-Artikolu 6(1) tat-Taqsima 2 tal-Parti C	L-użu ta' takografu mhux spezzjonat minn workshop approvat		X	
3.	L-Artikoli 3 tat-Taqsima 4 tal-Parti B u l-Appendiċi 31-A-1-1	Is-sewwieq ikollu fil-pussess tiegħu u/jew juża aktar minn waħda mill-kards tas-sewwieq tiegħu		X	
4.		Sewqan b'kard tas-sewwieq falsifikata (*meqjus bħala sewqan mingħajr kard tas-sewwieq*)	X		
5.		Sewqan b'kard tas-sewwieq li s-sewwieq mhuwiex id-detentur tagħha (*meqjus bħala sewqan mingħajr kard tas-sewwieq*)	X		
6.		Sewqan b'kard tas-sewwieq li ġiet akkwistata abbażi ta' dikjarazzjonijiet foloz u/jew ta' dokumenti falsifikati (*meqjus bħala sewqan mingħajr kard tas-sewwieq*)	X		
7.	L-Artikolu 7(1) tat-Taqsima 4 tal-Parti B u l-Artikolu 15(1) tat-Taqsima 2 tal-Parti C	It-takografu ma jaħdimx sew *(eż.: it-takografu ma jkunx spezzjonat, ikkalibrat u ssiġillat kif suppost)*		X	
8.		It-takografu mhux użat kif suppost (*eż.: użu ħażin b'mod intenzjonat, volontarju jew impost, nuqqas ta' struzzjonijiet dwar l-użu korrett eċċ.)*		X	
9.	L-Artikoli 7(2) tat-Taqsima 4 tal-Parti B u l-Appendiċi 31-A-1-1	Il-pussess fil-vettura u/jew l-użu ta' apparat frodulenti li jkun kapaċi jimmodifika r-reġistrazzjonijiet tat-takografu	X		
10.		Falsifikazzjoni, ħabi, suppressjoni jew qerda tad-data rreġistrata fuq il-folji ta' reġistrazzjoni jew tad-data maħżuna u ddawnlowdjata mit-takografu u/jew mill-kard tas-sewwieq	X		
11.	L-Artikolu 15(2) tat-Taqsima 2 tal-Parti C	L-impriża ma żżommx folji ta' reġistrazzjoni, kopji stampati u data ddawnlowdjata		X	
12.		Id-data rreġistrata u maħżuna mhix disponibbli għal mill-inqas sena		X	

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
13.	L-Artikolu 6(1) tat-Taqsima 4 tal-Parti B	Użu skorrett tal-folji ta' reġistrazzjoni/kard tas-sewwieq		X	
14.		Irtirar mhux awtorizzat tal-folji ta' reġistrazzjoni jew tal-kard tas-sewwieq li jħalli impatt fuq ir-reġistrazzjoni tad-data rilevanti		X	
15.		Użu ta' folja ta' reġistrazzjoni jew ta' kard tas-sewwieq biex tkopri perjodu itwal minn dak li tkun maħsuba għalih u t-telf ta' xi data		X	
16.	L-Artikolu 6(2) tat-Taqsima 4 tal-Parti B	Użu ta' folji ta' reġistrazzjoni jew kards tas-sewwieqa maħmuġin jew danneġġati u data li ma tkunx tista' tinqara		X	
17.	L-Artikolu 6(3) tat-Taqsima 4 tal-Parti B	Nuqqas ta' użu ta' input manwali meta jkun meħtieġ		X	
18.	L-Artikolu 6(4) tat-Taqsima 4 tal-Parti B	Nuqqas ta' użu ta' folja ta' reġistrazzjoni korretta jew il-kard tas-sewwieq tkun fi slott ħażin (aktar minn sewwieq wieħed)			X
19.	L-Artikolu 6(5) tat-Taqsima 4 tal-Parti B	Użu skorrett tal-mekkaniżmu ta' kommutazzjoni		X	
		Preżentazzjoni tal-informazzjoni			
20.	L-Artikolu 6(5), il-punt (b)(v), tat-Taqsima 4 tal-Parti B	Użu skorrett jew nuqqas ta' użu tas-sinjal tal-lanċa/ferrovija			X
21.	L-Artikolu 6(6) tat-Taqsima 4 tal-Parti B	L-informazzjoni meħtieġa mhix imdaħħla fil-folja ta' reġistrazzjoni		X	
22.	L-Artikolu 6(7) tat-Taqsima 4 tal-Parti B	Ir-reġistrazzjonijiet ma jurux is-simboli tal-pajjiżi li l-fruntieri tagħhom ikunu nqasmu mis-sewwieq matul il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum			X
23.	L-Artikolu 6(7) tat-Taqsima 4 tal-Parti B	Ir-reġistrazzjonijiet ma jurux is-simboli tal-pajjiżi fejn beda u ntemm il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum tas-sewwieq			X
24.	L-Artikolu 10 tat-Taqsima 4 tal-Parti B	Ir-rifjut ta' verifika		X	
25.		Mhux possibbli li jiġu ppreżentati r-reġistrazzjonijiet manwali u l-kopji stampati ta' matul dik il-ġurnata u matul is-56 jum preċedenti		X	
26.		Mhux possibbli li tiġi ppreżentata l-kard tas-sewwieq, jekk is-sewwieq ikollu waħda		X	
		Funzjonament ħażin			
27.	L-Artikolu 16(1) u l-Artikolu 5(1) tat-Taqsima 2 tal-Parti C	Takografu mhux imsewwi minn installatur jew workshop approvat		X	

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
28.	L-Artikolu 11 tat-Taqsima 4 tal-Parti B	Is-sewwieq ma jniżżilx l-informazzjoni meħtieġa kollha għall-perjodi ta' ħin li ma jibqgħux jiġu rreġistrati meta t-takografu jieqaf jaħdem jew ikun qed jaħdem ħażin		X	

(3) Gruppi ta' ksur tat-Taqsima 3 tal-Parti B tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR		LIVELL TA' SERJETÀ		
				MSI	VSI	SI
		Ħin tax-xogħol massimu fil-ġimgħa				
1.	L-Artikolu 3	Jinqabeż il-ħin tax-xogħol massimu ta' 48 siegħa fil-ġimgħa jekk il-possibbiltajiet li jiġi estiż għal 60 siegħa jkunu diġà ġew eżawriti	56 siegħa ≤ … 60 siegħa			X
2.			60 siegħa ≤ …		X	
3.		Jinqabeż il-ħin tax-xogħol massimu ta' 60 siegħa fil-ġimgħa jekk ma tingħata l-ebda deroga skont l-Artikolu 7	65 siegħa ≤ … < 70 siegħa			X
4.			70 siegħa ≤ …		X	
		Brejks				
5.	L-Artikolu 4	Brejk obbligatorju insuffiċjenti meħud meta l-ħin tax-xogħol ikun ta' bejn 6 u 9 sigħat	10 minuti < … ≤ 20 minuta			X
6.			… ≤ 10 minuti		X	
7.		Brejk obbligatorju insuffiċjenti meħud meta l-ħin tax-xogħol jaqbeż id-9 sigħat	20 minuta < … ≤ 30 minuta			X
8.			… ≤ 20 minuta		X	
		Xogħol ta' filgħaxija				
9.	L-Artikolu 6	Ħin tax-xogħol ta' kuljum f'kull 24 siegħa meta jitwettaq ix-xogħol ta' filgħaxija jekk ma tingħata l-ebda deroga skont l-Artikolu 7	11-il siegħa ≤ … < 13-il siegħa			X
10.			13-il siegħa ≤ …		X	
		Reġistrazzjonijiet				
11.	L-Artikolu 8	L-impjegaturi jiffalsifikaw ir-reġistrazzjonijiet tal-ħin tax-xogħol jew jirrifjutaw li jipprovdu r-reġistrazzjonijiet lill-uffiċjal tal-ispezzjoni			X	
12.		Is-sewwieqa impjegati/li jaħdmu għal rashom jiffalsifikaw ir-reġistrazzjonijiet jew jirrifjutaw li jipprovdu r-reġistrazzjonijiet lill-uffiċjal tal-ispezzjoni			X	

(4) Gruppi ta' ksur tat-Taqsima 1 tal-Parti C tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR		LIVELL TA' SERJETÀ		
				MSI	VSI	SI
		Piżijiet				
1.	L-Artikolu 1 u l-Appendiċi 31-A-1-1	Jinqabżu l-piżijiet massimi permissibbli għal vetturi N3	5 % ≤ … < 10 %			X
2.			10 % ≤ … < 20 %		X	
3.			20 % ≤ …	X		
4.		Jinqabżu l-piżijiet massimi permissibbli għal vetturi N2	5 % ≤ … < 15 %			X
5.			15 % ≤ … < 25 %		X	
6.			25 % ≤ …	X		
		Tulijiet				
7.	L-Artikolu 1	Jinqabeż it-tul massimu permissibbli	2 % < … < 20 %			X
8.			20 % ≤ …		X	
		Wisa'				
9.	L-Artikolu 1	Tinqabeż il-wisa' massima permissibbli	2,65 m ≤ … < 3,10 m			X
10.			3,10 m ≤ …		X	

(5) Gruppi ta' ksur tar-regoli dwar l-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
		Affidabbiltà stradali			
1.	L-Anness 31, il-Parti A, it-Taqsima 1, l-Artikolu 6(1)(b)(iv) u l-Appendiċi 31-A-1-1	Sewqan mingħajr prova valida ta' testijiet tal-affidabilità stradali b'suċċess, kif meħtieġ mid-dritt tal-UE u tar-Renju Unit	X		
2.		In-nuqqas ta' żamma ta' vettura f'kundizzjoni sikura u tajba għat-triq li jirriżulta f'difett serju ħafna fis-sistema tal-ibbrejkjar, fil-konnessjonijiet tal-istering, fir-roti/tajers, fis-sospensjoni jew ix-xażi jew f'tagħmir ieħor li joħloq tali riskju immedjat għas-sikurezza fit-toroq li jwassal għad-deċiżjoni li l-vettura tiġi mobilizzata	X		

(6) Gruppi ta' ksur tar-regoli dwar ir-regolaturi tal-veloċità eċċessiva

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
1.	L-Artikolu 6(1)(b) (vii) tat-Taqsima 1, tal-Parti A tal-Anness 31	L-ebda regolatur tal-veloċità eċċessiva installat	X		
2.		Ir-regolatur tal-veloċità eċċessiva ma jissodisfax ir-rekwiżiti tekniċi applikabbli		X	
3.		Ir-regolatur tal-veloċità eċċessiva ma jiġix installat minn workshop approvat			X
4.		Il-pussess u/jew l-użu ta' apparat frodulenti li kapaċi jiffalsifika d-data tar-regolatur tal-veloċità eċċessiva jew il-pussess u/jew l-użu ta' regolatur tal-veloċità eċċessiva frodulenti	X		

(7) Gruppi ta' ksur tat-Taqsima 1 tal-Parti B tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

	BAŻI LEGALI	TIP TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
		Taħriġ u liċenzja			
1.	L-Artikolu 3	Il-ġarr ta' oġġetti mingħajr kwalifika inizjali obbligatorja u/jew taħriġ perjodiku obbligatorju		X	
2.	L-Artikolu 9 u l-Appendiċi 31-B-1-2	Ma jkunx possibbli li s-sewwieq jippreżenta kard ta' kwalifika valida jew il-liċenzja tas-sewqan bil-markatura, kif meħtieġ mid-dritt nazzjonali (eż: mitlufa, minsija, danneġġata, ma tistax tinqara)			X

(8) Gruppi ta' ksur tar-rekwiżiti tal-liċenzja tas-sewqan

	BAŻI LEGALI	TIP TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
1.	L-Artikolu 6(1)(b) (viii) tat-Taqsima 1, tal-Parti A tal-Anness 31u l-Appendiċi 31-A-1-1	Il-ġarr ta' oġġetti mingħajr liċenzja tas-sewqan valida	X		
2.		L-użu ta' liċenzja tas-sewqan danneġġata jew li ma tistax tinqara jew li mhijiex konformi mal-mudell komuni			X

(9) Gruppi ta' ksur tar-regoli dwar it-trasport ta' oġġetti perikoluż bit-triq

	BAŻI LEGALI	TIP TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
1.	L-Artikolu 6(1)(b)(vi) tat-Taqsima 1, tal-Parti A tal-Anness 31u l-Appendiċi 31-A-1-1	It-trasport ta' oġġetti perikoluż li għalihom huwa pprojbit it-trasport	X		
2.		It-trasport ta' oġġetti perikoluż f'mezzi ta' konteniment ipprojbiti jew mhux approvati tant jipperikola ħajjiet jew joħloq riskju għall-ambjent li jwassal għad-deċiżjoni li l-vettura tiġi mmobilizzata	X		
3.		It-trasport ta' oġġetti perikoluż mingħajr ma jiġu identifikati fuq il-vettura bħala oġġetti perikoluż, li jqiegħed il-ħajja jew l-ambjent f'periklu sa tali punt li dan iwassal għad-deċiżjoni li l-vettura tiġi mmobilizzata	X		
4.		It-tnixxija ta' sustanzi perikoluż		X	
5.		Il-ġarr sfuż f'kontejner li mhuwiex strutturalment tajjeb		X	
6.		Il-ġarr f'vettura mingħajr ċertifikat xieraq ta' approvazzjoni		X	
7.		Il-vettura ma għadhiex tikkonforma mal-istandards ta' approvazzjoni u tippreżenta periklu immedjat		X	
8.		Nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw l-irbit u l-istivar tat-tagħbija		X	
9.		Nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw it-tagħbija mħallta ta' pakketti		X	
10.		Nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet li jillimitaw il-kwantitajiet li jinġarru f'unità waħda tat-trasport, inkluż livelli permissibbli tal-mili tat-tankijiet jew tal-pakketti;		X	
11.		Nuqqas ta' informazzjoni rilevanti dwar is-sustanza li qed tinġarr li tippermetti d-determinazzjoni tal-livell ta' serjetà tal-offiża (*eż: in-numru NU, l-isem uffiċjali tat-trasport , il-grupp tal-ippakkjar*)		X	
12.		Is-sewwieq ma għandux ċertifikat ta' taħriġ vokazzjonali validu		X	
13.		Qed jintuża nar jew dawl mhux protett		X	
14.		Il-projbizzjoni fuq it-tipjip mhijiex qed tiġi osservata.		X	

	BAŻI LEGALI	TIP TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
15.		Il-vettura mhijiex qed tiġi ssorveljata kif suppost jew mhijiex ipparkjata kif suppost			X
16.		L-unità tat-trasport fiha aktar minn trejler/semitrejler wieħed			X
17.		Il-vettura ma għadhiex tikkonforma mal-istandards ta' approvazzjoni iżda ma tippreżentax periklu immedjat			X
18.		Il-vettura mhijiex qed iġġorr ċilindri tat-tifi tan-nar operazzjonali kif meħtieġ			X
19.		Il-vettura ma fihiex it-tagħmir meħtieġ mill-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikoluż bit-triq (ADR, Agreement concerning the International Carriage of Dangerous Goods by Road) jew mill-istruzzjonijiet bil-miktub			X
20.		Il-ġarr ta' pakketti b'imballaġġ danneġġat, kontenituri intermedji għal kwantitajiet kbar jew imballaġġ kbir jew imballaġġ danneġġat, mhux imnaddaf u vojt			X
21.		Il-ġarr ta' oġġetti imballati f'kontejner li mhuwiex strutturalment tajjeb			X
22.		It-tankijiet/il-kontejners tank (fosthom dawk vojta u mhux imnaddfa) ma ngħalqux sew			X
23.		It-tikkettar, l-immarkar jew il-plakards ta' fuq il-vettura u/jew il-konteniment skorrett(i)			X
24.		L-ebda struzzjonijiet bil-miktub li jikkonformaw mal-ADR, jew l-struzzjonijiet bil-miktub mhumiex rilevanti għall-oġġetti li jkunu qed jinġarru			X

(10) Gruppi ta' ksur tat-titolu I tat-tielet intestatura tat-tieni parti tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
		Liċenzja			
1.	L-Artikolu 463(1) u l-Appendiċi 31-A-1-1	Il-ġarr ta' oġġetti mingħajr liċenzja valida (jiġifieri liċenzja li ma teżistix, iffalsifikata, irtirata, skaduta, eċċ.)	X		
2.	L-Artikolu 463(3)	L-impriża tat-trasport bit-triq jew is-sewwieq ma jkunux jistgħu jippreżentaw liċenzja valida jew kopja attestata awtentika valida tal-liċenzja lill-uffiċjal tal-ispezzjoni (jiġifieri l-liċenzja jew il-kopja attestata awtentika tkun mitlufa, minsija, danneġġata eċċ.)		X	

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
		Attestazzjoni tas-sewwieq			
3.	L-Artikolu 6(1)(b) (v) tat-Taqsima 1, tal-Parti A tal-Anness 31	Sewwieqa li jġorru oġġetti mingħajr attestazzjoni tas-sewwieq valida (jiġifieri l-attestazzjoni tas-sewwieq ma tkunx teżisti jew tkun iffalsifikata, irtirata, skaduta, eċċ.)		X	
4.	L-Artikolu 6(1)(b) (v) tat-Taqsima 1, tal-Parti A tal-Anness 31	Ma jkunx possibbli li s-sewwieq jew l-impriża tat-trasport tal-merkanzija bit-triq jippreżentaw attestazzjoni valida tas-sewwieq jew kopja attestata awtentika valida tagħha lill-uffiċjal tal-ispezzjoni (jiġifieri attestazzjoni tas-sewwieq jew kopja attestata awtentika tagħha mitlufa, minsija, danneġġata, eċċ.)			X
		Operazzjonijiet speċifiċi tat-trasport permessi skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni			
5.	L-Artikolu 462, il-paragrafi 3 sa 7	It-twettiq ta' kabotaġġ jew ta' operazzjonijiet oħra tat-trasport mhux f'konformità mal-liġijiet, mar-regolamenti u mad-dispożizzjonijiet amministrattivi, inkluż il-limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' vjaġġi, fis-seħħ fil-Parti ospitanti.		X	

(11) Gruppi ta' ksur tar-regoli dwar it-trasport tal-annimali

	BAŻI LEGALI	TIP TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
1.	L-Artikolu 6(1)(b) (x) tat-Taqsima 1, tal-Parti A tal-Anness 31	Id-diviżorji mhumiex b'saħħithom biżżejjed biex jifilħu għall-piż tal-annimali		X	
2.		L-użu ta' rampi tat-tagħbija jew tal-ħatt li għandhom uċuħ jiżolqu, li ma għandhomx protezzjonijiet laterali jew li huma weqfin wisq			X
3.		L-użu ta' pjattaformi ta' rfigħ jew ta' sulari ta' fuq li ma għandhomx barrieri tas-sikurezza li jżommu lill-annimali milli jaqgħu jew milli jaħarbu matul l-operazzjonijiet tat-tagħbija u tal-ħatt			X
4.		Mezzi tat-trasport mhux approvati għal vjaġġi twal, jew mhux approvati għat-tip ta' annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati.			X
5.		It-trasport mingħajr id-dokumentazzjoni valida meħtieġa, il-ġurnal tal-vjaġġ jew l-awtorizzazzjoni jew iċ-ċertifikat ta' kompetenza tat-trasportatur			X

(12) Gruppi ta' ksur tal-liġijiet applikabbli għall-obbligi kuntrattwali

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
1.	L-Artikolu 6(1)(b) (xii) tat-Taqsima 1, tal-Parti A tal-Anness 31	Ksur tal-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali		X	

(13) Gruppi ta' ksur tat-Taqsima 2 tal-Parti A tal-Anness 31 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni

	BAŻI LEGALI	TIPI TA' KSUR	LIVELL TA' SERJETÀ		
			MSI	VSI	SI
1.	L-Artikolu 6(1), il-punt (a)	Informazzjoni mhux kompluta dwar id-dikjarazzjoni tal-istazzjonar			X
2.		Nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-istazzjonar lill-pajjiż ([1]) li fih jiġi stazzjonat is-sewwieq mhux aktar tard mill-bidu tal-istazzjonar		X	
3.	L-Artikolu 6(1), il-punt (b)	Dikjarazzjoni tal-istazzjonar iffalsifikata għas-sewwieqa		X	
4.		Impossibbiltà għas-sewwieq li jippreżenta dikjarazzjoni tal-istazzjonar valida		X	
5.		Nuqqas ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tas-sewwieq ta' dikjarazzjoni tal-stazzjonar valida		X	
6.	L-Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu	Nuqqas ta' sottomissjoni tad-dokumenti mitluba lill-pajjiż ospitanti ([1]) fi żmien 8 ġimgħat mid-data tat-talba. L-Artikolu 6(1), il-punt (c), jispeċifika t-tipi ta' dokumenti li jridu jiġu pprovduti		X	
7.	L-Artikolu 6(4)	Nuqqas min-naħa tal-operatur li jżomm id-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar aġġornati fl-interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern			X

([1]) Pajjiż jirreferi għal Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Ewropea, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

ANNESS II

Gradi ta' serjetà tal-ksur serju

(1) Il-gradi ta' serjetà tal-ksur għandhom ikunu serji ("SI"), serji ħafna ("VSI") u l-aktar serji ("MSI").

(2) Ksur serju u serju ħafna, meta jitwettaq ripetutament mill-istess operatur, għandu jitqies bħala aktar serju mill-awtorità kompetenti fil-Parti tal-istabbiliment. Meta tiġi kkalkolata l-frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur ripetut, l-awtoritajiet kompetenti fil-Parti għandhom iqisu l-fatturi li ġejjin:

— Is-serjetà tal-ksur (SI jew VSI);

— Il-ħin (mill-inqas perjodu ta' 12-il xahar konsekuttiv mid-data ta' kontroll);

— L-għadd ta' vetturi li jintużaw għall-attivitajiet tat-trasport ġestiti mill-maniġer tat-trasport (medja għal kull sena).

(3) Filwaqt li jitqies il-potenzjal li jinħoloq riskju għas-sikurezza fit-toroq, il-frekwenza massima ta' ksur serju lil hinn minn dak li għandu jitqies bħala iżjed serju għandha tiġi stabbilita kif ġej:

— 3 SI għal kull vettura fis-sena = 1 VSI;

— 3 VSI għal kull vettura fis-sena = tnedija ta' proċedura nazzjonali dwar ir-reputazzjoni tajba.

(4) L-għadd ta' ksur għal kull vettura fis-sena huwa ċ-ċifra medja kkalkulata permezz tad-diviżjoni tal-għadd totali tal-ksur kollu tal-istess livell ta' serjetà (SI jew VSI) bl-għadd medju ta' vetturi użati matul is-sena. Il-formula tal-frekwenza tipprevedi limitu massimu għall-okkorrenza tal-ksur serju li lil hinn minnu dan għandu jitqies bħala aktar serju. L-awtoritajiet kompetenti fil-Partijiet jistgħu jistabbilixxu limiti aktar stretti jekk dawn ikunu previsti fil-proċedura amministrattiva nazzjonali tagħhom għall-valutazzjoni tar-reputazzjoni tajba.